**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 149/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Joseph Sciberras**

**Illum 27 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Joseph Sciberras**, iben Joseph Sciberras u Christine neè Borg, imwieled Ħ'Attard fit-13 ta' Lulju 1976 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0351976(M), talli nhar is-26 ta' Frar 2022 u fil-ġranet u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks mara tiegħu, u cioè Alicia Galea, li tiġi wkoll omm it-tifla tiegħu Gabrielle Sciberras, fastidju għal iktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks mara tiegħu Alicia Galea, u dana fil-presenza ta' l-imsemmija minuri Gabrielle Sciberras;

2. Ikkaġuna lill-eks mara tiegħu, u cioè Alicia Galea, li tiġi wkoll omm it-tifla tiegħu Gabrielle Sciberras, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi;

3. Ikkaġuna lill-eks mara tiegħu, u cioè Alicia Galea, li tiġi wkoll omm it-tifla tiegħu Gabrielle Sciberras, biża' li se tintuża vjolenza kontrijha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, u dana fil-preżenza ta' l-imsemmija minuri Gabrielle Sciberras;

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lill-eks mara tiegħu Alicia Galea, bi kliem;

5. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lit-tifla minuri tiegħu Gabrielle Sciberras, bi kliem;

6. U aktar talli għamel użu mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika (mobile);

7. Insluenta, hedded jew inġurja bi kliem jew mod ieħor lill-eks mara tiegħu Alicia Galea;

8. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod ieħor lit-tifla minuri tiegħu Gabrielle Sciberras;

U aktar talli nhar it-13 ta' Frar 2022, bejn il-ħinijiet ta' 16:00hrs u 17:30hrs, ġewwa in-Naxxar:

9. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura ta' l-għamla Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni OOO-170, liema ħsara tammonta għal iktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u inqas minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), għad-dannu ta' l-eks mara tiegħu Alicia Galea;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (1) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Joseph Sciberras a benefiċċju ta' Alicia Galea u l-familjari tagħha, u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' Alicia Galea jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat/i, torbort lil Joseph Sciberras b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti, ai termini ta' l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq; (iii) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Joseph Sciberras għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a fol. 5 sa' 27 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

[1] Fol. 30 tal-proċess.

Rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' Alicia Galea[2] u ta' l-Ispettur Audrey Micallef[3] mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ġunju 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn Alicia Galea markati Dok. "AG1" (USB) sa' Dok. Dok. "AG8" a fol. 46 sa' 89 tal-proċess u mill-Ispettur Audrey Micallef markati Dok. "AM1" sa' Dok. "AM6" a fol. 90 sa' 105 tal-proċess u a fol. 111 sa' 126 tal-proċess, rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' PS2223 Charlene Calleja[4] u ta' Brian Farrugia[5], in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn PS2223 Charlene Calleja markati Dok. "CC1" u Dok. "CC2" a fol. 135 sa' 136 tal-proċess u minn Brian Farrugia markati Dok. "BF1" u Dok. "BF2" a fol. 140 sa' 143 tal-proċess, rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' Dr. Katya Vassallo[6] u x-xhieda ta' Charmaine Zammit[7], in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, u rat id-dokumenti esebiti minn Dr. Katya Vassallo, ossia t-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat, markata Dok. "KV1" a fol. 148 sa' 177 tal-proċess u minn Charmaine Zammti markat Dok. "CZ1" a fol. 180 u 181 tal-proċess, rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' PC575 Mark Tonna mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2023[8] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "MT1" a fol. 186 sa' 190 tal-proċess, rat u ikkunsidrat ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2023[9] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "SFS1" a fol. 194 sa' 234 tal-proċess, rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' Maria Loreta Saliba mogħtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Marzu 2023[10] u tas-16 ta' Mejju 2023[11] u x-xhieda ta' Manuela Testa mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023[12];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a fol. 124 tal-proċess;

Rat li fuq talba tad-Difiża l-Qorti ordnat li jitħejja Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputat[13], liema Social Inquiry Report ġie ppreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri fit-13 ta' Settembru 2023 - Dok. "SF" a fol. 261 sa' 280 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri mogħtija waqt l-imsemmija seduta tat-13 ta' Settembru 2023[14];

Rat illi b'Digriet datat 13 ta' Ġunju 2023[15], il-Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-proċeduri a bażi ta' l-Artikolu 734(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[2] Fol. 31 sa'45 tal-proċess.

[3] Fol. 106 sa' 110 tal-proċess.

[4] Fol. 128 sa' 134 tal-proċess.

[5] Fol. 137 sa' 139 tal-proċess.

[6] Nominata għall-fini li tittraskrizi l-istqarrija ta' l-imputat - Digriet datat 14 ta' Ġunju 2022, fol. 29 tal-proċess. Xhieda a fol. 146 u 147 tal-proċess.

[7] Fol. 178 u 179 tal-proċess.

[8] Fol. 184 u 185 tal-proċess.

[9] Fol. 192 u 193 tal-proċess.

[10] Fol. 236 sa' 240 tal-proċess.

[11] Fol. 242 u 243 tal-proċess.

[12] Fol. 244 sa' 247 tal-proċess.

[13] Digriet datat 16 ta' Mejju 2023, fol. 241 tal-proċess.

[14] 258 sa' 260 tal-proċess.

[15] Fol. 251 tal-proċess.

Rat li l-proċeduri odjerni ġew assenjati lill-Maġistrat sedenti ai termini ta' l-Artikolu 11(9) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[16];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni, id-Difiża u l-Parte Civile;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar is-26 ta' Frar 2022 u fil-ġranet u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Ikkaġuna lill-eks mara tiegħu, u cioè Alicia Galea, li tiġi ukoll omm it-tifla tiegħu Gabrielle Sciberras, fastidju għal iktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks mara tiegħu Alicia Galea, u dana fil-presenza ta' l-imsemmija minuri Gabrielle Sciberras; (2) Ikkaġuna lill-eks mara tiegħu, u cioè Alicia Galea, li tiġi wkoll omm it-tifla tiegħu Gabrielle Sciberras, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi; (3) Ikkaġuna lill-eks mara tiegħu, u cioè Alicia Galea, li tiġi wkoll omm it-tifla tiegħu Gabrielle Sciberras, biża' li se tintuża vjolenza kontrijha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, u dana fil-preżenza ta' l-imsemmija minuri Gabrielle Sciberras; (4) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lill-eks mara tiegħu Alicia Galea, bi kliem; (5) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lit-tifla minuri tiegħu Gabrielle Sciberras, bi kliem; (6) U aktar talli għamel użu mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika (mobile); (7) Insluenta, hedded jew inġurja bi kliem jew mod ieħor lill-eks mara tiegħu Alicia Galea; (8) Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod ieħor lit-tifla minuri tiegħu Gabrielle Sciberras; U aktar talli nhar it-13 ta' Frar 2022, bejn il-ħinijiet ta' 16:00hrs u 17:30hrs, ġewwa in-Naxxar: (9) Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura ta' l-għamla Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni OOO-170, liema ħsara tammonta għal iktar minn €250 u inqas minn €2,500, għad-dannu ta' l-eks mara tiegħu Alicia Galea.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Provi:**

**Alicia Galea**[17], allegata vittma f'dawn il-proċeduri, xehdet illi hi u l-imputat kienu miżżewġin u li minn dan iż-żwieġ kellhom wild, li llum għadha minuri, jisimha Gabrielle Sciberras. Fl-2016 huma sseparaw u fl-2022 iddivorzjaw ukoll. Sa' minn

[16] Fol. 252 tal-proċess.

[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ġunju 2022 a fol. 31 sa' 45 tal-proċess.

żmien is-separazzjoni kien hemm diversi istanzi ta' messaġġi ta' theddid iżda qatt ma ħadet passi dwarhom, madanakollu mit-13 ta' Frar 2022 l-affarijiet eskalaw u saru rapporti mal-Pulizija.

Fit-13 ta' Frar 2022, meta Alicia Galea waslet lura d-dar tagħha ġewwa in-Naxxar, sabet it-tyres ta' quddiem u ta' wara fuq in-naħa tax-xufier tal-vettura tagħha, ta' l-għamla Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni OOO-170, li kienet ipparkjata quddiem ir-residenza, imċartin. Meta vverifikat mis-CCTV cameras li għandha mad-dar, rat li l-imputat iktar kmieni dakinhar kien mar ħdejn ir-residenza tagħha u senjatament ħdejn il-vettura tagħha, tbaxxa ħdejn tyre minnhom u wara ftit ħin mar ħdejn it-tyre l-ieħor - ossia ż-żewġ tyres li hija sabet imċartin - u telaq 'l hemm. Il-filmat in kwistjoni ġie esebit minnha fuq pendrive markata Dok. "AG1" a fol. 46 tal-proċess. Minħabba l-mod kif kienu mċartin, it-tyres ma setgħux jissewwew iżda kellha tibdilhom it-tnejn verso spiża komplessiva ta' €310, hekk kif jirriżulta mill-irċevuta maħruġa minn Apollo Tyre and Battery Services datata 14 ta' Frar 2022 - Dok. "AG2" a fol. 47 u 48 tal-proċess.

Apparte minnhekk bejn it-13 ta' Frar 2022 u l-25 ta' Frar 2022, kien hemm komunikazzjoni persistenti magħha da parte ta' l-imputat, permezz ta' messaġġi, emails u telefonati, anke jekk hija ma kenitx qed twieġeb l-istess. Ta' dawn ippreżentat diversi screenshots u printouts markati Dok. "AG3" a fol. 50 sa' 86 tal-proċess. Dak iż-żmien kien hemm kwistjoni pendenti bejniethom relatata mat-taxxa iżda l-imputat beda wkoll jinsisti li ried jara lil bintu Gabrielle Sciberras. Fir-rigward Alicia Galea stqarret illi *li ġara kien li Gaby, since episodju tas-sena l-oħra li kienet daqsxejn xettika li kultant tmur għandu, ikun hemm ġranet fejn tkun trid tmur, illum il-ġurnata eżempju timmissjah ukoll, imma kien hemm żmien li la tmur torqod għandu u tmur għandu. Fil-kuntratt tas-separazzjoni qiegħed li jekk ma jkunx fi stat tajjeb li nibgħat lit-tifla għandu, għandi dritt li jien inżommha milli tmur għandu. Raġuni hija li Joseph kellu passat ta' alcohol abuse, u allura l-kuntratt biex jipproteġi lil bintna għamilnieh li jekk jien nara li ma jkunx qiegħed fi stat tajjeb, jien lil binti nista' nżommha milli tarah. However din l-aħħar sena, it-tifla rrifjutat li tmur ħafna drabi, wara ħafna sirt naf għax tkellmet mal-Psikologa ta' l-Iskola, li l-aħħar li marret kien xurban. Jkisser l-affarijiet quddiemha u jghajjat u beżgħat u ma ridetx tmur aktar għandu. Iżda kultant tkun tixtieq tarah u jien nipprova nissuġerixxi li tmur għand in-nanna, at least ikun hemm some sort of supervision. … Ikun hemm anka okkazzjonijiet li fejn jaqta' l-kuntatt hu stess ma' Gabrielle għax forsi ma jkunx sew, min-naħa tiegħu mhux tagħha. Ilha ssir mindu sseparajna.*

Mistoqsija kif tħossha f'dawl ta' dan kollu, Alicia Galea qalet *beżgħana hux x'ħin tara dal-messaġġi, filli jitkellem normali u f'daqqa jagħmel hekk … tibża' hux … tgħid illum tyres għada x'hemm? Tħossok tibża' hux.*

Mid-dokumenti Dok. "AG3" esebiti minn Alicia Galea jirriżulta li l-imputat persistentement kien jikkomunika magħha anke jekk hija ma kenitx twieġbu, liema komunikazzjoni seħħet anke wara li l-Pulizija kienu nfurmawh bir-rapport li hija kienet għamlet kontrih. Screenshot partikolari a fol. 57 sa' 59 tal-proċess, turi messaġġ mill-imputat lil bintu minuri Gabrielle Sciberras fejn qalilha *I love you. I*

*still have to see the video or a photo. I see no proof of what I am allegedly accused. Moreover I have a collection of weapons which ranges from little Swiss knives to Glock 43 and others. Why would I deflate a tyres? I can do much worse.... I still need to see what you saw because without that I cannot understand. I respect your decision, but I do not allow you to speak to me in that manner.* Ma' dan il-messaġġ l-imputat bagħat lil bintu ritratt ta' mannara - fol. 58 tal-proċess..

F'messaġġ ieħor lil Alicia Galea tas-17 ta' Frar 2022 - fol. 64 tal-proċess - l-imputat jgħid *I really hope we go to maximum trouble here Ms. Galea. Those receipts have to arrive on time. Oops hell is just breaking loose.... Who was your worker? Filipino.... Precarious conditions. Cousins ... oops. I promise you. Whatever it takes. What I have proof. You and Paul have fixed your stock takes. There are so many loose ends.* F'messaġġ ieħor li l-imputat bagħat lil Alicia Galea u li hi da parte tagħha għaddietu lill-Pulizija fit-18 ta' Frar 2022 - fol. 66 tal-proċess - hu jgħid *a twelve your old child, you took away from me, and if as I draw my last breath I will make this square with you and your breed.* F'messaġġ ieħor datat 17 ta' Frar 2022 - fol. 75 tal-proċess - l-imputat qal lil Galea *A line has been crossed. Keep playing with false fire.* Dawn huma biss uħud mill-messaġġi persistenti mill-imputat lil Alicia Galea iżda kjarament juru l-persistenza u l-animu tiegħu lejha.

L-**Ispettur Audrey Micallef**[18] ddikjarat li hija ħadet l-istqarrija ta' l-imputat fis-6 ta' Marzu 2022, għal liema stqarrija huwa kien assistit mill-Avukat tiegħu, u fir-rigward xehdet illi *waħda mid-domandi li jien għamilt fil-konfront tiegħu, kienet rigward vettura ta' Alicia Galea fejn jien staqsejtu x'vettura issuq u qalli li hi tagħmel użu minn vettura ta' lewn griż ta' l-għamla Mercedes. Staqsejtu x'kien għamel fit-13 ta' Frar 2022 u saret referenza għall-filmati li Alicia tat lilna, fejn jidher li Joseph Sciberras ġej lejn id-dar ta' Alicia, cioè number 44, Uteki, Triq A. Darcell, Naxxar, u jidher qasam għal faċċata idejh fil-bwiet fil-kowt lewn skur, reġa' qasam, avviċina għal vettura ta' Alicia li kienet ipparkjata quddiem id-dar tagħha u jidher jieqaf ma' ġenb t-tyre ta' quddiem naħa tal-lemin, tbaxxa għal ammont ta' sekondi, reġa' qam u avviċina għal tyre ta' wara, naħa tal-lemin, reġa' tbaxxa, u reġa' qam u reġa' telaq 'l isfel fid-direzzjoni mnejn kien ġie. Qalli li dakinhar 'mort nittawwal' ħalli jara jekk Alicia hux qiegħdha hemmhekk biex b'xi mod nara u qalli 'qed ikolli ħafna frustrazzjoni, dak il-ħin tani estru u għamilt ħsara fit-tyres naħa tad-driver". U kkaġuna din il-ħsara permezz ta' pen knife żgħira. Għamiltlu referenza anka għall-messaġġi li hu bagħat lit-tifla tiegħu li hija minorenni, u pprekupatni l-biċċa fejn qalli "moreover I have a range of weapons that ranges from little Swiss knives ... 43 and others ...Ħ bagħtilha ritratt ta' mannara qallha, "I can do much worse, I respect your decision but I do not allow you to speak to me in that mannerĦ. Meta affaċċajtu għaliex ħass il-bżonn tifla ta' 12-il sena ikellimha dal-mod, isemmilha armi, dak il-ħin hu għażel ma jweġibx għad-domanda tiegħi.*

L-Ispettur Audrey Micallef ippreżentat ukoll ir-Risk Assessment li sar fil-konfront ta' Alicia Galea - Dok. "AM1" a fol. 90 sa' 105 tal-proċess, kif ukoll l-istqarrija awdjo-viżwali ta' l-imputat - Dok. "AM2" a fol. 111 tal-proċess, u d-dettalji tal-vetturi ta' l-

---

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ġunju 2022, fol. 106 sa' 110 tal-proċess.

għamla Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni OOO-170 u ta' l-għamla Ford Fiesta bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CBT-545, rispettivament reġistrati f'isem Alicia Galea u l-imputat - Dok. "AM4" u Dok. "AM5" a fol. 113 sa' 117 tal-proċess. Il-vettura ta' l-għamla Mercedes hija l-vettura li kellha t-tyres imċartin fit-13 ta' Frar 2022 filwaqt li l-vettura ta' l-għamla Ford Fiesta hija l-vettura li biha l-imputat f'okkażjoni minnhom wasal ħdejn id-dar ta' Alicia Galea u impustalha ittra u wara baqa' ftit tal-ħin faċċata tad-dar jistenna. L-Ispettur Micallef ippreżentat ukoll rapport li sar minn Alicia Galea fil-konfront ta' l-imputat fis-27 ta' Frar 2022 relattivament għal dak kollu li ġara bejn it-13 ta' Frar 2022 u s-26 ta' Frar 2022 - Dok. "AM6" a fol. 117 sa' 123 tal-proċess.

Ir-rapport tas-26 ta' Frar 2022 ġie kkonfermat minn **PS2223 Charlene Calleja**[19] illi kienet l-uffiċjal tal-Pulizija li ħadet l-istess rapport. In oltre ppreżentat footage provdut lilha minn Alicia Galea relattiv għar-rapport tas-26 ta' Frar 2022 - Dok. "CC1" - u għar-rapport tat-13 ta' Frar 2022 - Dok. "CC2". **PC575 Mark Tonna**[20] ippreżenta r-rapport li għamlet Alicia Galea fil-konfront ta' l-imputat fit-18 ta' Frar 2022 - Dok. "MT1" a fol. 186 sa' 190 tal-proċess.

**Brian Farrugia**[21], in rappreżentanza ta' Transport Malta, ikkonferma li l-vettura ta' l-għamla Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni OOO-170 hija reġistrata fuq Alicia Galea u ilha hekk reġistrata f'isimha mis-27 ta' Settembru 2019 u li l-vettura ta' l-għamla Ford Fiesta bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CBT-545 hija reġistrata fuq Joseph Sciberras, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 351976(M) - ossia l-imputat - u ilha hekk reġistrata f'ismu mit-28 ta' Diċembru 2020. Dan kollu jirriżulta mid-dokumenti esebiti minn Brian Farrugia markati Dok. "BF1" u Dok. "BF2" a fol. 140 sa' 143 tal-proċess.

**Dr. Katya Vasallo**[22] esebiet it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat - Dok. "KV1" a fol. 148 sa' 177 tal-proċess, u **Charmaine Zammit**[23], in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, ippreżentat *owner's details* tan-numri tal-mobile 79311311 u 79310726 għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2022 u t-28 ta' Frar 2022. Jirriżulta li tul il-perijodu in kwistjoni n-numru tal-mobile 79310726 kien reġistrat f'isem Joseph Sciberras detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0351976(M) - ossia l-imputat - Dok. "CZ1" a fol. 180 tal-proċess, filwaqt li tul l-istess perijodu n-numru tal-mobile 79311311 kien reġistrat f'isem Alicia Galea - fol. 181 tal-proċess.

L-**Espert Tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco** ppreżenta r-Relazzjoni tiegħu fl-14 ta' Marzu 2023[24], fejn eżamina l-footages li ġew esebiti minn PS2223 Charlene Calleja - Dok. "CC1" u Dok. "CC2" - u ħareġ l-istills relattivi - Dok. "SFS1" a fol. 194 sa' 235 tal-proċess.

---

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 128 sa' 134 tal-proċess.

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2023, fol. 184 u 185 tal-proċess.

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 137 sa' 139 tal-proċess.

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2023, fol. 146 u 147 tal-proċess.

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2023, fol. 178 u 179 tal-proċess.

[24] Fol. 192 u 193 tal-proċess.

**Maria Loreta Saliba** u **Manuela Testa**[25], uffiċjali mic-Child Protection Services, ikkonfermaw li Maria Loreta Saliba kienet attendiet flimkien ma' Gabrielle Sciberras in kwantu minuri, meta kellmuha l-Pulizija u ddikjaraw ukoll li ma baqgħux isegwu l-każ stante li b'telefonata li rċevew mingħand omm it-tifla, ġew infurmati li kien inqata' l-aċċess bejn l-imputat u l-minuri.

L-**Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri**[26] ppreżentat is-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputat - Dok. "SF" a fol. 261 sa' 280 tal-proċess - waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2023. Fir-rigward l-imsemmija Uffiċjal tal-Probation xehdet illi *s-Sur Sciberras huwa prodott ta' diversi avvenimenti anke sfortunati li seħħew matul ħajtu, dan beda billi tilef lil missieru f'età żgħira, kien hemm anke sitwazzjonijiet li poġġew piż finanzjarju fuqu forsi anke milli seta' jkollu, u l-iktar ħaġa li tidher li affettwatu kien in-nuqqas ta' presenza ta' bintu f'ħajtu u mbagħad anke l-fatt li kien espost għal ritratti ta' bintu ma' ommha u mas-sieħeb il-ġdid ta' ommha, li kienu f'kuntest ta' familja. Dan ovvajment ikkawża ħafna uġigħ u saħansitra wasslu biex jagħmel attentat ta' suwiċidju f'Jannar tas-sena li għaddiet. Is-Sur Sciberras ilu wkoll taħt kura psikjatrika għal diversi snin u ngħata dijanjosi ta' alcohol use disorder. Hu qisu beda jixrob minn età ta' ħdax-il sena għalkemm kien hemm perijodi li rnexxielu joqgħod il-bogħod mill-alcohol, minkejja dan xorta waħda jieħu mediċina għad-depression. Il-Psikjatra tiegħu, meta kkuntatjatu nnota li r-riskju tal-konsum ta' l-alcohol jiżdied b'fatturi bħalma huma l-każijiet pendenti tal-Qorti. In-nuqqas li jara li bintu eċċ, però fih reżiljenza u anke impenn biex ikompli qisu jaħdem, qisu qatt ma qata' qalbu minkejja li jkun hemm xi relapses. Minbarra dawn il-fatturi jidher li hu għandu ħajja relattivament stabbli u għadu impjegat fil-qasam tas-saħħa bħala Principal Pharmacist u wkoll ingaġġat bħala lettur ma' l-Università ta' Malta u ma rriżultax li kien hemm iktar vizzji mill-kuntatti kollha li saru.*

L-Uffiċjal tal-Probation iddikjarat li fil-kors tat-tħejjija tar-Rapport hija tkellmet ma' Alicia Galea li nfurmatha li *fil-perijodu bħal'issa jidher li l-affarijiet ikkwitaw, it-tifla mhiex qed tħossha komda ħafna fil-preżenza tal-missier, imma mhux qed ikun hemm pressjoni fuq dan l-aspett. Qalet ukoll li rċeviet cheque minn naħa ta' l-imputat għall-ħsara li ġarrbet li s'issa għażlet li ma ssarrafx u minn naħa tagħha qisu l-iktar ħaġa li tixtieq minn dawn il-proċeduri huwa li jkun hemm Ordni ta' Trażżin biex ovvjament ċertu affarijiet ma jkunux reġgħu ripetuti*. Bħala kura, l-imsemmija Uffiċjal tal-Probation stqarret li *naħseb li huwa importanti ħafna li jkompli jingħata l-kura fejn tidħol is-saħħa mentali tiegħu, anke bħala ovvjament minħabba r-riskju li jkun hemm relapses infatti kif forsi taf din l-Onorabbli Qorti diġà kien qiegħed rikoverat l-Isptar Monte Carmeli waqt dan il-proċess jiġifieri ovvjament tkun xierqa ħafna naħseb anzi li jkun hemm prevalenza f'dak l-aspett.*

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel tlett imputazzjonijiet** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar is-26 ta' Frar 2022 u fil-ġranet u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel,

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2023, fol. 236 sa' 240 tal-proċess u xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023 a fol. 242 u 243 tal-proċess u a fol. 244 sa' 247 tal-proċess.

[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2023, fol. 258 sa' 260 tal-proċess.

f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Ikkaġuna lill-eks mara tiegħu, u cioè Alicia Galea, li tiġi ukoll omm it-tifla tiegħu Gabrielle Sciberras, fastidju għal iktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks mara tiegħu Alicia Galea, u dana fil-presenza ta' l-imsemmija minuri Gabrielle Sciberras; (2) Ikkaġuna lill-eks mara tiegħu, u cioè Alicia Galea, li tiġi wkoll omm it-tifla tiegħu Gabrielle Sciberras, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi; (3) Ikkaġuna lill-eks mara tiegħu, u cioè Alicia Galea, li tiġi wkoll omm it-tifla tiegħu Gabrielle Sciberras, biża' li se tintuża vjolenza kontrijha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, u dana fil-preżenza ta' l-imsemmija minuri Gabrielle Sciberras.

L-imputat għalhekk qed jiġi mixli bir-reat ta' fastidju ai termini ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bir-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi ai termini ta' l-Artikolu 251AA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-reat li bl-imġieba tiegħu kkawża lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontriha ai termini ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Meta jiġu kkunsidrati l-provvedimenti tal-Liġi relattivi għal dawn ir-reati, jirriżulta immedjatament evidenti li sabiex l-istess jissussistu jeħtieġ ikun hemm *a course of conduct* da parte ta' l-imputat.

Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elton Debono, Każ. Nru. 163/16** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Awwissu 2017, fejn ingħad *issir hawnhekk riferenza għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Bajada"*[27]*: "Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jidher illi l-imġieba li toħloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux inċident wieħed u iżolat. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs James Demanuele" deċiża fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret: "L-artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b' mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Il-liġi fis-sub-inċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b' mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinċiż (3)(ċ) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251Ċ hu provvdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing .. distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional*

[27] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013.

*distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:- ".... f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." Però, xorta waħda jkun irid jirriżulta mill-provi għall-fini tal-parametri tal-akkuża nnifisha." Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tgħid li riferenzi għall għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika w dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati u delikati. Kull tip ta' dan l-aġir però hu kalkolat li joħloq ċerta biża' f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed tiġi segwit u impoġġi taħt ċerta pressjoni inġusta. Hu proprju dan li din il-liġi l-ġdida trid tipprojbixxi." ... Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef"[28] il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) rriteniet is-segwenti: "Illi l-imputat jinsab akkużat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjaħ "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis" (per Prim' Imħallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-harassement taħt dina id-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imġieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi inċident wieħed iżolat. Il-Qorti tistqarr: ... illi dawn l-affarijiet kollha li seħħew fil-kuntest ta' inċident wieħed – ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B tagħna – u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkażjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkażjonijiet – proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża, "on at least two occasions".*

[28] Deċiża 17 ta' Frar 2011.

*Għal xi raġuni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illoġika – il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…". Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrienti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imġieba", ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skond iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di più, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt dispożizzjonijiet oħra tal-liġi." Illi multo magis din l-interpretazzjoni tapplika għar-reat ravviżat bl-artikolu 251AA tal-Kodiċi Kriminali, dak kommunement magħruf bħala stalking. Illi l-liġi titkellem dwar "imġieba", a course of conduct, u għaldaqstant minn dina l-esposizzjoni legali jirriżulta illi dawn ir-reati (Artikoli 251A, 251B u 251AA) ma jissustux jekk dan ikun xi inċident iżolat kif fil-fatt huwa il-każ in eżami.*

Minn eżami tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fil-każ in eżami huwa evidenti li hawn mhux qed nitkellmu fuq każ uniku w iżolat iżda qed nitkellmu fuq *a course of conduct* ta' l-imputat fil-konfront ta' Alicia Galea bejn it-13 ta' Frar 2022 u s-26 ta' Frar 2022, illi ċertament: (i) jammonta għal fastidju kontemplat fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi l-imputat ippersista b'bumbardament ta' messaġġi, emails u telefonati lil Galea meta hija kjarament u evidentement ma reditx taf bih u tkellmu lura; (ii) jammonta għal segwiment bil-moħbi ai termini ta' l-Artikolu 251AA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li apparte l-messaġġi, emails u telefonati, l-imputat ta' mill-inqas f'żewġ okkażżjonijiet separati ippreżenta ruħu ħdejn id-dar ta' Alicia Galea u għamel ċertu ħin jitlajja hemmhekk; u anke (iii) jammonta għar-reat ta' kaġun ta' biża li ser tintuża vjolenza kontriha, jew kontra l-proprjetà tagħha ai temrini ta' l-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex apparte l-fatt li f'okkażżjoni minnhom huwa ċarrat zewġ tyres tal-vettura ta' Alicia Galea, f'okkażżjoni oħra bagħat ukoll messaġġ lil bintu fejn qalilha *I love you. I still have to see the video or a photo. I see no proof of what I am allegedly accused. Moreover I have a collection of weapons which ranges from little Swiss knives to Glock 43 and others. Why would I deflate a tyres? I can do much worse…. I still need to see what you saw because without that I cannot understand. I respect your decision, but I do not allow you to speak to me in that manner* u anke bagħtilha ritratt ta' mannara. Imbagħad ovvjament hemm ukoll id-

diversi messaġġi l-oħra li ntbagħtu mill-imputat lil Alicia Galea fejn jidher evidenti li qed jheddida bħal meta qalilha *I really hope we go to maximum trouble here Ms. Galea. Those receipts have to arrive on time. Oops hell is just breaking loose.... Who was your worker? Filipino.... Precarious conditions. Cousins ... oops. I promise you. Whatever it takes. What I have proof. You and Paul have fixed your stock takes. There are so many loose ends* u *a twelve your old child, you took away from me, and if as I draw my last breath I will make this square with you and your breed*, kif ukoll *A line has been crossed. Keep playing with false fire.*

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u għaldaqstant għandu jinstab ħati ta' tali imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Bir-**raba'**, il-**ħames** u **s-sitt imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli: (4) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lill-eks mara tiegħu Alicia Galea, bi kliem; (5) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lit-tifla minuri tiegħu Gabrielle Sciberras, bi kliem; (6) U aktar talli għamel użu mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika (mobile).

Huwa evidenti li hawnhekk il-Prosekuzzjoni qed tixli lill-imputat bir-reati previsti fl-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi provvediment tal-Liġi jipprovdi li: *Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika - (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat...*

Fir-rigward ta' l-elementi tar-reat prospettat fl-imsemmi Artikolu tal-Liġi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Conrad Bajada, Appell Nru. 292/2023** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2024, fejn ġie osservat illi: *dina d-disposizzjoni tal-liġi daħlet fis-seħħ in segwitu għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Etienne Calleja" fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawża kien ġie akkużat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Liġi. Hawnhekk il-liġi qed tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tagħmel uzu mit-telefon/media soċjali sabiex thedded, tagħmel estorsjoni, timmalafama u tinġurja persuna oħra u li tagħmel kwalunkwe użu ieħor mhux xieraq. Il-Qorti kkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'użu ieħor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgħa nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2007' intqal: "DR PETER GRECH: Bħalissa fil-liġi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief subparagrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Dan dejjem ftiehem li l-improper*

*use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jiġifieri li wieħed juża apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorċi flus, iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor. […] DR PETER GRECH: Issa li ġara huwa nqalgħet diffikultà fil-qorti dwar xi tfisser improper use. Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone użajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk użajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bżonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niċċaraw x'ifisser improper use. Tħalliet il-klawsola ġenerali "or makes any other improper use thereof" imma ġie iżjed speċifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jiġi projbit, li tuża aparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija." Illi l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-frażi "użu ieħor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe użu, jew kull haġa taħt il-kappa tax-xemx, magħdud kull offiża, insult jew kelma żejda, iżda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni w attivitajiet illeċiti. Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli tagħti sostenn għall-intepretazzjoni mogħtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-leġislatur: 'Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid.'. Illi dwar l-akkuża ta' theddid permezz ta' użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Gauci"[29] il-Qorti trattat dwar l-elementi tar-reat ta' theddid u kkonkludiet propju illi: 'Biex ikun hemm theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor – xi forma ta' ħsara inġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv.' Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Simona Vella"[30] fejn kien ġie deċiż hekk: ' 'Il-kelma 'purċinell' hija ġenerika ħafna. Il-Qrati tagħna aċċettaw espressjonijiet li potenzjalment jistgħu jkunu aktar offensivi minn hekk u sabu li dawn jingħadu fuq kulħadd bla distinzjoni u għalhekk mhux inġurjużi. L-istess qed tikkonkludi din il-Qorti dwar din il-kelma 'purċinell' għaliex din il-kelma tingħad għal kull ħaġa ta' xejn u mhux xi kelma li tattakka xi karateristika jew għemil specjali li jintrabtu ma' persuna partikolari.'*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dr. Alfred Grech** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 2013, fejn ingħad illi: *l-għemil kontemplat fil-parafrafi (a) u (b)* [ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta] *jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubju li l-liġi fl-istess parafrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq…*

---

[29] Deċiża Mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Ġunju 2003.

[30] Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Marzu 2014.

Għall-finijiet ta' dawn l-imputazzjonijiet hekk dedotti fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti reġgħet ikkunsidrat il-messaġġi mibgħuta mill-imputat kemm lil Alicia Galea kif ukoll lil bintu Gabrielle Sciberras. Minn uħud minn dawn il-messaġġi l-Qorti ma tistax għajr li tikkonsidra li dawn jikkostitwixxu theddida ai termini ta' l-Artikolu 49(a) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, speċjalment fejn fil-messaġġ lil bintu l-imputat jgħid *however, I have a collection of weapons which ranges from little Swiss knives to Glock 43 and others. Why would I deflate a tyre? I can do much worse....*[31] liema messaġġ per di più kien akkumpanjat b'ritratt ta' mannara, u fejn f'messaġġi lil Alicia Galea jgħid *Oops hell is just breaking loose*[32]*... A twelve year old child, you took away from me, and if as I draw my last breath I will make this square with you and your breed*[33] *... A line has been crossed. ... Keep playing with false fire*[34].

L-imputazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat huma ben immirati, ossia bir-raba' imputazzjoni qed jiġi mixli li permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lill-eks mara tiegħu Alicia Galea, bi kliem u bil-ħames imputazzjoni qed jiġi mixli li permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lit-tifla minuri tiegħu Gabrielle Sciberras, bi kliem. Filwaqt li l-Qorti ma għandha assolutament l-ebda dubju li l-imputat huwa effettivament ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ma tqisx però li huwa għandu jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta kontrih, ossia li permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa hedded lil bintu Gabrielle Sciberras.

Filwaqt li huwa veru li l-messaġġ ta' l-imputat dwar l-allegati armi fil-pussess tiegħu intbagħat minnu lil bintu, il-Qorti ma tqisx li t-theddida f'dak il-messaġġ kienet diretta lejha. Iktar temmen li t-theddida kienet diretta lejn Alicia Galea. Wieħed fil-fatt irid jikkonsidra l-kuntest li fih seħħew ċerta affarijiet li waslu għal dak il-messaġġ partikolari. Alicia Galea kienet għadha kif sabet it-tyres tal-vettura tagħha imcarta u mill-filmati tas-CCTV cameras tad-dar tagħha skopriet li kien l-imputat li kien ċarrathomlha. It-tifla evidentement saret taf b'dan u kkonfrontat lil missierha li, b'mod għal kollox inkonsult, għażel li jibgħat dak il-messaġġ partikolari lilha. Huwa evidenti għall-Qorti li la l-kuntest ta' dak li kien qed jingħad bejn missier u bint kien dwar Alicia Galea u l-ħsara fil-vettura tagħha, jsegwi li t-theddida f'dak il-messaġġ kienet iktar diretta lejha milli lejn Gabrielle Sciberras innifisha. Għaldaqstant il-Qorti tqis li filwaqt li l-imputat għandu jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ma għandux jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta kontrih.

Detto ciò l-Qorti hawn trid tagħmilha ċara li hi bl-ebda mod ma hi qed tiġġustifika jew b'xi mod tiskuża l-komportament ta' l-imputat fil-konfront ta' bintu b'dak il-messaġġ alluċinanti. Frankament il-Qorti ma tistax tifhem kif missier li jgħid li

[31] Fol. 57 sa' 59 tal-proċess.

[32] Fol. 64 tal-proċess.

[33] Fol. 69 tal-proċess.

[34] Fol. 75 tal-proċess.

jħobb il-bintu pratikament iktar minn ħajtu, jasal biex jibgħat dak it-tip ta' messaġġ lilha, iktar u iktar meta it-tifla għadha minuri.

Iffrustrat kemm ħassu ffrustrat l-imputat lejn Alicia Galea, huwa qatt ma kellu dil il-frustrazzjoni jittrasportaha tramite bintu. Dan mhux biss ma jagħmillux ġih bħala missier imma l-komportament tiegħu iktar iwassal biex jaljena lit-tifla milli jressaqha lejh. Għalkemm is-sitwazzjoni taf tkun diffiċli għall-imputat, iktar u iktar meta Alicia Galea evidentement kompliet għadejja b'ħajjitha, anke mill-aspett privat u ta' relazzjonijiet, huwa jrid jaċċetta li r-relazzjoni tiegħu magħha ntemmet, bejniethom ma fadal assolutament xejn għajr appuntu binthom Gabrielle Sciberras. L-imputat ma għandux jaħli l-enerġiji tiegħu jagħti fastidju lil Alicia Galea imma għandu jinvesti l-enerġiji tiegħu f'li jibni relazzjoni soda u ta' mħabba ma' bintu. Bintu biss, u mhux x'qed tagħmel u ma tagħmilx Alicia Galea, hija l-prijorità f'ħajtu u hu jrid jiffoka biss fuq ir-relazzjoni tiegħu ma' bintu, relazzjoni li għandha tkun ibbażata fuq sobrjetà (ossia li l-imputat jżomm il-bogħod mill-alkoħol) u mħabba u mhux fuq sokor u biża. Iktar ma l-imputat jagħraf dan u jaċċettah iktar hemm possibilità li s-saħħa mentali tiegħu titjieb u r-relazzjoni tiegħu ma' bintu terġa' tibda tinbena bil-mod il-mod.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis għalhekk li għalkemm l-imputat ma għandux jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, huwa però għandu, minħabba d-diversi messaġġi u emails oħra li bagħat u telefonati li għamel, jinstab ħati tar-reat ta' użu mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika (mobile), u cioè ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta kontrih.

Bis-**seba'** u **tmien imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli: (7) Insluenta, hedded jew inġurja bi kliem jew mod ieħor lill-eks mara tiegħu Alicia Galea; u (8) Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod ieħor lit-tifla minuri tiegħu Gabrielle Sciberras.

Fid-dawl ta' dak kollu appena osservat huwa evidenti li l-imputat għandu jinstab ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda ma għandux jinstab ħati tat-tmien imputazzjoni dedotta kontrih.

Bid-**disa' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-13 ta' Frar 2022, bejn il-ħinijiet ta' 16:00hrs u 17:30hrs, ġewwa in-Naxxar, volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura ta' l-għamla Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni OOO170, liema ħsara tammonta għal iktar €250 u inqas minn €2,500, għad-dannu ta' l-eks mara tiegħu Alicia Galea.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u b'mod partikolari mill-filmati esebiti jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati ta' din l-imputazzjoni partikolari. L-istess imputat fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija Eżekuttiva ammetta li huwa kien ċarrat iż-żewġ tyres tal-vettura ta' Alicia Galea. Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għar-reat ta' ħsara volontarja fuq il-vettura ta' Alicia Galea.

In kwantu rigwarda l-valur tal-ħsara kawżata, ossia l-valur ta' €310, dana jirriżulta ikkonfermat mill-irċevuta esebita minn Alicia Galea a fol. 47 u 48 tal-proċess. Dana l-ammont ta' €310 jidher li ġie aċċettat ukoll mill-imputat li fil-mori tal-proċeduri bagħat cheque lil Galea għall-ħlas ta' tali danni. Għal kull buon fini jiġi osservat li l-fatt li Alicia Galea għażlet li ma ssarrafx dak ic-cheque, ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-imputat offra l-pagament, u dana kemm minn aspett ta' rikonoxximent ta' ħtija għar-reat kif ukoll minn aspett ta' ordni ta' risarciment tad-danni, fis-sens illi una volta l-ħlas ġie offrut permezz ta' cheque, la Alicia Galea għażlet li ma ssarfux din il-Qorti ma hijiex, għaliex in verità legalment ma tistax, se timponi ordni ta' risarċiment ulterjuri fuq l-imputat.

Fid-dawl ta' dan għalhekk l-imputat għandu jinstab ħati tad-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet il-konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali relattivament netta u li fil-mori tal-proċeduri bagħat cheque bħala ħlas tad-danni kawżati fil-vettura ta' Alicia Galea u ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-Pjan ta' Kura Rakkomandat mill-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri fis-Social Inquiry Report imħejji minnha, ossia li fid-dawl tas-sitwazzjoni vulnerabbli ta' l-imputat, speċjalment fejn jidħlu saħħa mentali u l-vizzju tax-xorb, *jkun għaqli jekk Joseph Sciberras ikollu sorveljanza sabiex jiġi żgurat li dawn l-aspetti jkunu indirizzati b'mod kontinwu u dan kemm għall-ġid tiegħu kif ukoll bil-għan li jkun jista' joffri figura ta' missier aħjar għal bintu.* In oltre l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li fil-kors tat-trattazzjoni orali ġie dikjarat li Alicia Galea ma hijiex qed tinsisti fuq piena karċerarja fil-konfront ta' l-imputat. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll li l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih kif ukoll il-fatt li fil-każ in eżami japplika l-provvediment ta' l-Artikolu 17(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati tal-ħames u tat-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 18, 31, 202(h)(i), 222(1)(a), 251A(1)(a)(b)(2)(4), 251AA(1)(a)(b)(2)(a)(b)(ċ)(d)(3)(b)(e)(4), 251B(1)(2), 251Ċ, 251H(a)(d), 251HA, 325(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a)(ċ) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba' u d-disa' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu iżda peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-istess imputat u kif jirriżulta mis-Social Inquiry Report ta' l-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri, is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu, partikolarment mill-abbuż ta' l-alkoħol, u li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel l-imputat u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a

tenur ta' l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation impost fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jtonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Peress illi fil-kors tal-proċeduri, partikolarment mis-Social Inquiry Report ta' l-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri, ħareġ illi l-imputat għandu l-vizzju ta' abbuż ta' l-alkoħol u in oltre għandu problemi ta' saħħa mentali, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perijodu ta' ħames (5) snin u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Alicia Galea. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-somma ta' €692.72[35], rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco f'dawn il-proċeduri.

Kemm-il darba dawn l-ispejjeż ma jitħallsux mill-imputati skond kif premess, ir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali jkun jista' jipproċedi fil-konfront ta' kull wieħed minnhom, skond il-każ, ai termini ta' l-Artikolu 533(2) u/jew (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[35] Fol. 201 tal-proċess.